**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

**Seduta tas-16 ta' Frar, 2018**

**Talba numru: 273/16 AM**

**Numru fuq il-Lista: 33**

**The Ciantar Holdings Co Ltd (C51897)**

**Steve's & Co**

**Halmann Vella Building**

**Mosta Road**

**Lija LJA 9061**

**Vs**

**Vera Sant Fournier (9685G)**

**Vera Sant Fournier – Design Studio**

**Triq it-Torri,**

**Msida MSD 1281**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jordna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elfejn mitejn u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu

(€2,280.35c) rapprezentant rimanenti bilanc fuq somma akbar relatati ma' xoghol u servizzi ezercitati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta a fol. 14 et li permezz taghha hija eccepiet il-preskrizzjoni u li x-xoghol redatt mis-socjeta' attrici ma kienx skont is-sengha u l-arti; li hija tirrizerva li tipprocedi in linea ta' danni permezz ta' proceduri gudizzjarji separati.

Ra l-affidavit ta' Michael Gatt a fol 19 et li permezz tieghu huwa xehed li ilu jahdem mas-socjeta' attrici ghal ftit aktar minn sentejn u li xogholu huwa ta' Digital 7 Technology jigifieri xoghol relatat mal-informatika li jinkludi bini ta' siti elettronici. F'Settembru, 2014 huwa w impjegati ohra bdew x-xoghol fuq is-sit elettroniku tal-konvenuta liema xoghol dam ghal diversi xhur iktar milli pjanat kemm minhabba li l-klijenti kellhom jibghatu xi kontenut li kellu jitpogga fuq dan is-sit li wasal aktar tard milli mistenni. Is-sit gie varat ghall-ewwel darba 01 ta' Marzu, 2015.

Fil-05 ta' Marzu, 2015 Justine Bartolo kollega tal-konvenuta baghtet email taghti struzzjonijiet biex is-sit jigi temporanjament imnizzel u minflok titpogga pagna li tghid li s-sit qieghed taht manutenzjoni. Ftit jiem wara kellem lil konvenuta bit-telefon u hija qaltlu li fuq is-sit kien hemm xi kontenut li mhux qieghed f'postu izda li hu weggibha li l-kontenut gie mpoggi kif gie mibghut lilhom u li kien ikun ahjar li jiltaqghu u jergghu jduru kollox flimkien biex jaraw li kollox ikun sew, u ftehmu ghat-13 ta' Marzu, 2015 biex jiltaqghu izda l-konvenuta pposponiet din l-laqgha.

Fit-23 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta baghtet e-mail lil kollega taghha Justine fejn kkonfermat li setghu jiltaqghu fl-24 ta' Marzu, 2015 u semmiet xi emendi li riedu jsiru u li meta dawn ikunu lesti l-progett jista jinghalaq u l-website tigi launched. F'email li baghtet fit-23 ta' Marzu, 2015 il-konvenuta infurmathom li kien hemm minor amendments li setghet taghmel hija stess u li fi kliemha "we can close."

Fit-02 ta' April, 2015 il-konvenuta infurmathom li tixtieq li jsiru l-ahhar emendi fuq is-sit u hekk sar. Fit-12 ta' Mejju, 2015 huwa ma sema' xejn minghand il-konvenuta u baghat e-mail jistaqsi kienx hemm xi ahbar fir-rigward tas-sit u Justine nfurmatu li huma ma kienux iktar kuntenti bis-sit elettroniku u rringrazzjawhom tax-xoghol tajjeb li sar.

Ra n-nota tal-konvenuta a fol 16 li permezz taghha ddikjarat li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tibbazaha fuq l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

A fol 28 et Steve Ciantar Barbara, Direttur tas-socjeta' attrici kkorrobora s-sekwenza tal-fatti kif spjegat minn Michael Gatt u zied jghid li f'Mejju, 2015 huma bdew jigru wara l-konvenuta u l-kumpanija biex thallas s-somma dovuta u fl-04 ta' Ottubru, 2015 il-konvenuta saqsietu biex jibghat invoice u d-dettalji tal-bank u hekk ghamlu. Izda fid-19 ta' Ottubru, 2015 il-konvenuta nfurmathom li hija kienet lesta thallas elf erba' mija u wiehed u tmenin ewro (€1,481) inkluz il-VAT bhala hlas hlas finali. Huwa beda jigri warajha biex thallas is-somma li kienet accettat li thallas izda xejn ma hallset. Is-somma dovuta kienet ta' elfejn disa' mija u erbgha u erbghin ewro u ghaxar centezmi (€2,944.10c) izda gie ridott ghal elfejn mitejn u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,280.35c) wara li qablu li tohrog credit note. Minn din is-somma s-socjeta' attrici ma thallset xejn.

A fol 51 et l-konvenuta fl-affidavit taghha xehdet li hija ftehmet mas-socjeta' attrici ghal website design u li l-prezz ta' dan ix-xoghol ftehmu li jkun ta' tlett elef seba' mija u sbatax (€3,717) li minnhom hija hallset elfejn mitejn u sitta u tletin ewro u ghaxar centezmi (€2,236.10c) bhala depozitu u li hija ffirmat li l-bilanc li kellha tithallas kellu jkun ta' elf erba' mija u wiehed u tmenin ewro (€1,481) inkluz il-VAT. Hija tilmenta li x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici ma kienx accettabbli u lanqas skont hi kienu kapaci jzommu spazji ekwi distanti minn xulxin sabiex tigi rispetata is-simetrija, id-disinn redatt minnhom kien medjokri u mhux in linea ma' dak promess.

Wara hafna korrispondenza bejniethom is-socjeta' attrici ppublikat il-website izda hija talbithom inehhuha mmedjatament peress li ma kienux irrangaw id-difetti li kellha. Ghamlet kwazi sena sabiex il-website ssir kif talbitha izda dan ma sarx u kellha tittermina dak originarjament miftiehem. Hija tikkontendi li hallset elfejn mitejn sitta u tletin ewro u ghaxar centezmu (€2,236.10c) minghajr ma hadet servizz mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra li l-partijiet kienu ghalqu l-provi.

Ra li l-konvenuta inghatat tlett seduti ghal kontro ezamijiet izda la hi u lanqas l-avukat taghha ma dehru u fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2018 dan it-Tribunal ordna li l-kawza tibqa differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra

Eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta

L-Artiklu 2148(a) tal-Kodici Civili jghid hekk:

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:
(a) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu.

Mill-atti jirrizulta a fol 27 li l-konvenuta tterminat ix-xoghol li inkarigat lis-socjeta' attrici fit-13 ta' Mejju, 2015. Il-kawza giet intavolata fil-21 ta' Lulju, 2016.

A fol 16 l-avukat tal-konvenuta tikkonferma li hija rceviet ittra ufficjali minghand is-socjeta' attrici u anke kwotat l-ittra ufficjali numru 665/16 li minn fol 47 jirrizulta li l-konvenuta giet notifikata biha fis-26 ta' April, 2016.

A fol 29 Steve Ciantar Barbara tas-socjeta' attrici xehed li l-hlas dovut huwa ghax-xoghol tal-bini tal-website u ghal xoghol iehor u l-invoices relattivi huma datati 31 ta' Ottubru, 2014 fol 43, 31 ta' Jannar, 2015 a fol 44, 31 ta' Lulju, 2015 a fol 45 ta xoghol li sar bejn Frar, 2015 u Frar, 2016, 21 ta' Ottubru, 2015 credit note ta' sitt mija u tlieta u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€663.75c) a fol 46 . Fol 42 hija statement li tispjega dawn l-invoices u l-credit note biex il-bilanc dovut wasal ghal elfejn mitejn u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,280.35c).

Fis-sentenza fl-ismijiet 'David Cilia f`isem u ghan-nom ta` Mario Cilia assenti minn dawn il-Gzejjer vs Hal Mann Limited', deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili:

"L-Art 2148(a) jirreferi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux ghall-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (Kollezz. Vol XLI.I.347)."

L-istess fid-decizjoni riportata fil-Kollezz. Vol. XXXVIII P III p 710 jinghad hekk:

Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.'

Bla dubju ghalhekk fil-kaz in ezami bla dubju huwa kaz ta' location operis u ghalhekk l-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ma japplikax f'dan il-kaz u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Rigward il-mertu, is-socjeta' attrici giet inkarigata mill-konvenuta sabiex tibnilha website u xoghol iehor. Dan ix-xoghol sar u wara diversi korrispondenza s-socjeta' attrici giet infurmata mill-kollega tal-konvenuta li huma kienu ser iwaqfu l-kuntratt lis-socjeta' attrici.

Il-konvenuta tilmenta f'din l-kawza li x-xoghol mis-socjeta' attrici ma sarx skont l-arti u s-sengha.

Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax il-mod legger li permezz tieghu l-konvenuta resqet il-provi taghha meta l-lanjanzi li hija xehdet dwarhom ma kkorroborathom b'xejn u b'hadd anzi l-kollega taghha mid-dokumenti esebiti fahret ix-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici. Ghalhekk dan it-Tribunal iqis li l-eccezzjoni tal-konvenuta li x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha ma gietx ippruvata u ghalhekk ma tistax tigi milqugha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta u jilqa' it-talba tas-socjeta' attrici u jordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn mitejn u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmu (€2,280.35c) bl-imghaxijiet legali sal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**